# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

# MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **l-Erbgha 14 ta' Gunju, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Stefan Paraskov u**
**Iliev Yulian**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet – kif korretti b'digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' Lulju 2009 – migjuba kontra:

Stefan Paraskov ta' 23 sena, iben Mitko u Petya nee' Liutsilanova, imwieled nhar l-24 ta' Awissu 1985, Bulgaria, residenti 130, Flat 2, Triq San Gorg, San Giljan, detentur tal-karta ta' l-identita' Bulgara 193553922, u

Iliev Yulian ta' 27 sena, iben Vasilev u Dobra nee' Petrova, imwieled nhar il-15 ta' Awissu 1981, Bulgaria, residenti 130, Flat 2, Triq San Gorg, San Giljan, detentur tal-karta ta' l-identita' Bulgara 190671846

Akkuzati talli:

F'dawn il-Gzejjer fl-14 ta' Jannar 2009 ghal habta ta' l-erbgha ta' filghodu (04:00 am) fi Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi, minghajr il-hsieb li joqtlu jew iqieghdu l-hajja fil-periklu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Matthew Agius.

Il-Qorti giet mitluba, li minbarra tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Matthew Agius jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hatja b'obbligazzjoni taghhom infushom taht penali ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti.

Rat in-nota ta' rinviju tal-gudizzju tal-Avukat Generali tal-5 ta' Frar 2010,[1] fejn deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) kontra l-imputati taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikolu 218(1)(a), (b), (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Wara li semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet fil-Meritu**

*Kwistjoni Preliminari – L-Ammissibilita' tal-Istqarrija tal-Imputati*

Minkejja li d-difiza ma ssollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, din il-Qorti thoss ruhha obbligata li tikkonsidra jekk hux il-kaz li tiskarta l-istqarrijiet tal-imputati, u dak kollu li setghu qalu waqt l-investigazzjoni, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

[1] Ara fol. 149 tal-process.

Pero fil-kaz odjern, fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputati ghamel ampja riferenza ghal dak li qal l-imputat Paraskov fl-istqarrija tieghu u l-verzjoni tal-fatti li l-imputati taw lill-Pulizija *a tempo vergine*, li tinsab riprodotta fir-rapport tal-Pulizija. Fid-dawl tal-fatt li l-avukat difensur tal-imputati stess ghamel riferenza ghal dak li qalu l-imputati lill-Pulizija, qabel kellhom l-opportunita' li jiehdu parir legali, u dan sabiex jissostanzja l-istess tezi tad-difiza, il-Qorti ma tarax li l-insenjament fil-kawza **Borg vs Malta**, japplika ghall-fattispecje tal-kaz odjern.

Issa l-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali fil-meritu.

*Kunsiderazzjonijiet fil-Meritu*

L-imputati huma akkuzati li kkagunaw ferita gravi u permanenti lil Matthew Aguis. Din il-ferita allegatament grat fil-kuntest ta' glieda li sehhet bejn *inter alia* l-imputati u Matthew Aguis. L-imputati, flimkien ma' oht l-imputat Praskov marru jiehdu *drink* fil- *Footloose Bar*. Din il-glieda bdiet meta ghal xi raguni – probabbilment ghaliex l-imputati dahlu, bi zball jew mhux, fit-toilet tan-nisa tal-bar – huma gew imkeccija l-barra mill-ufficjali tas-sigurta tal-istess bar.

Kif wiehed jista' jistenna f'cirkostanzi simili, l-versjonijiet tal-parte civili u tal-imputati huma djametrikament opposti. Dawn iz-zewg versjonijiet huma riprodotti tajjeb fir-rapport li sar mill-Pulizija ta' San Giljan, *a tempo vergine*, u li l-Qorti se ticcita minnu:

*"On the 14.1.2009 at about 4.40am, whilst the afore mentioned officers were at St. Julians Police Station, a male person (Iliev Yulian) stumbled on the front door with blood oozing from his right palm and shouted for help. However the Police could not make out what he meant. Therefore the Police followed him and further up the road, near HSBC, found a scuffle on between three or more male persons.*

*After the Police calmed down the situation, it was explained that these Bulgarians (2 males and one female) hit the male persons* (sic) *(Matthew Agius) for no apparent reason and when*

*he ran away from them, they followed him. He stated that he stopped his friend and they caught up with him and a scuffle broke out between all of them.*

*Matthew Agius explained that he was coming out of Footloose Bar in St. George's Street, when he saw a fight in progress and warned his young friend to avoid it, when all of a sudden a male person with a maroon tracksuit top punched him and threw him on the floor whereby he kicked him several times.*

*The Police arrested both Bulgarians and an ambulance was summoned at the station to treat both the Bulgarians and also the Maltese.*

*The Bulgarians stated that a group of Maltese people cornered them and started hitting them. However they did not touch their female friend.*

*Both Bulgarians produced a medical certificate by Dr. Tani Mizzi whereby they suffered slight injuries.*

*… … On the 17.01.2009, Matthew Agius … … produced a medical certificate certifying that he was suffering grevious injuries … …"*[2]

Dawn il-verzjonijiet konfligenti gew konfermati bil-gurament fix-xhieda li taw kemm il-*parte civile* Matthew Agius kif ukoll l-imputati, li ghazlu li jixhdu, quddiem din il-Qorti.

Wara li din il-Qorti hasbet fit-tul fuq dawn iz-zewg verzjonijiet, ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

1. Fix-xhieda tieghu Matthew Agius jghid li kif hareg mill-FootLoose Bar, ghal xejn b'xejn, qala' daqqa ta' dustbin tal-hadid minn wara, u waqa' mal-art, u ha diversi daqqiet ohra. Pero' ma jghidx min taghhomlu. Imbaghad jghid li hu u sejjer ghal karozza tieghu, rega' ltaqa' mal-imputati li kienu qed jiggieldu xi mkien iehor, u dawn ghal xejn b'xejn, regghu bdew ituh, sakemm wasal l-imghallem tieghu, Ottavio

[2] Ara fol. 203-304 tal-process.

Suda, u fil-pront gew il-Pulizija.[3] Frankament, din il-Qorti ma ssibx din ix-xhieda kredibbli, ghax hadd ma jmur jaghti lil hadd, ghal darba darbtejn, ghal xejn b'xejn. Inoltre, daqqa' dustbin tal-hadid kellha thalli xi forma ta' marka, pero' c-certifikati medici ma jsemmux li l-parte civile kellu xi tbengil fuq il-parti ta' wara ta' gismu.

2. Agius xehed ukoll li meta gew il-Pulizija, l-imputati komplew jippruvaw jaggreduh. Issa dato ma non concesso li dan jista' jkun veru fil-konfront tal-imputat Paraskov, certament dan ma jistghax ikun veru fil-konfront tal-imputat Yulian, stante li kien dan l-istess imputat li mar l-Ghassa tal-Pulizija isejjah l-ghajnuna u dderiega lill-Pulizija fejn kienet qieghda ssir il-glieda.

3. Ottavio Suda, l-imghallem tal-parte civile, xehed li hu kien diehel fil-karozza tieghu u ra n-nies qed jigru fi Triq San Gorg, fosthom lill-parte civile, u l-imputati qed jigru warajh. Beda jsuq u x'hin wasal hdejn l-HSBC ra lill-parte civile mal-art. Hareg mill-karozza biex jipprova jferred, imma kif wasal hu gew il-Pulizija. L-ewwel parti tikkontradici l-verzjoni tal-fatti tal-parte civile, li mkien fix-xhieda tieghu ma jghid li l-imputati grew warajh. Il-verzjoni ta' Suda iktar tikkorrobora l-verzjoni tal-imputati li l-parte civile u xi Maltin wara li sawwtuhom quddiem il-*Footloose*, komplew jigru warajhom. Mix-xhieda tal-Pulizija li marru fuq il-post, jirrizulta li kienu involuti diversi persuni – xi tlett Maltin u l-intimati, u oht wiehed mill-imputati.[4] Pero' oht l-imputat Praskov ma rrizultax li kienet involuta fil-glieda, u meta Suda wasal hdejn l-HSBC, l-imputat Yulian, ma kienx hemm, ghax dan mar igib l-ghajnuna tal-Pulizija, li fil-fatt waslu fl-istess hin ta' Suda. Ladarba kif xehed il-Pulizija kien hemm tlett Maltin involuti fil-glieda, mhux verosimili li l-imputat Praskov mar jiggieled wahdu lill-parte civile, imma huwa iktar verosimili li l-Maltin kien qed jaghtu lill-imputat Praskov, u dan tal-ahhar kien qed jiddefendi ruhu. Suda jghid li l-imputati kienu qed jaghtu lill-parte civile, pero' kif diga inghad, dan ma jistghax ikun ghax l-imputat Yulian ma kienx hemm. Suda jghid ukoll li kien hemm tnejn jew tlieta min-nies ohra – pero' ma jispecifikax kienux Maltin jew le, u mill-provi ma jirrizultax x'gara min-nies l-ohra li kienu involuti fil-glieda.

[3] Ara fol. 32 tal-process.
[4] Ara x-xhieda ta' PS 1300 Julian Fenech a fol. 194 tal-process.

4. Din il-Qorti lanqas issib kredibbli ix-xhieda ta' Conrad Bonnici, manager tal-*Footloose Bar*, li xehed, li wara li l-persuni tas-sigurta' tal-bar, tefghu lill-imputati 'l barra mill-bar, dawn bdew jghollu d-dustbins tal-istabbilment ta' hdejn il-bar, jwaddbu l-fliexken u taw daqqa ta' ponn kiesah u biered lill-parte civile, li presubilment kien barra. Kif diga' inghad iktar il-fuq, din il-Qorti issibha difficli li temmen li xi hadd imur jaghti daqqa' ta' ponn lil xi hadd iehor ghal xejn b'xejn, sakemm ma jkunx fis-sakra. Ghalkemm, l-imputati ammettew li kienu xorbu, mill-provi ma jirrizultax li kienu fis-sakra.

5. Inoltre l-verzjoni tal-*parte civile* u tax-xhud Suda lanqas taqbel max-xhieda ta' WPS 110 Maria Scicluna, li kienet il-Pulizija mill-Ghassa ta' San Giljan, li marret fuq il-post fejn kienet qed issir il-glieda. Din xehdet li l-*parte civile* qalilha li kellu glieda quddiem il-*Footloose*, ghax mar jaqbez ghal habib tieghu li kien se jidhol fi glieda u l-imputat Praskov tah daqqa ta' ponn. WPS 110 xehdet ukoll li l-*parte civile* qalilha li l-imputati iffolowjawh u lahquh hdejn l-HSBC. Tghid ukoll li l-ewwel darba li rat lill-parte civile kien quddiem l-HSBC fuq in-naha tal-lemin – mkien fix-xhieda taghha ma tghid li ratu ma' l-art. Xehdet ukoll li kien hemm xi nies Maltin, li pero' ma setghetx tidentifikahom, u l-*parte civile* qalilha li dawn kienu hbieb tieghu. Mhux verosimili li jekk ghall-grazzja tal-argument biss, l-imputat kienu qed jaghtu lill-parte civile, dawn il-hbieb tal-*parte civile* qaghdu jharsu lejhom, u ma ppruvawx jifirduhom.

6. Xehed ukoll Elkier Coleiro, li hu kien hiereg mill-*Footloose* mal-*parte civile* u kien hemm folla nies jiggieldu barra l-bar. Hu xehed li f'daqqa wahda l-*parte civile* waqa' mal-art, u ra lill-imputati u lil xi nies ohra jaghtuh, ghal xejn b'xejn. Din il-versjoni la taqbel ma' dik li ta' *l-parte civile* fix-xhieda tieghu u lanqas ma dik ta Conrad Bonnici, il-manager tal-bar. Coleiro jghid ukoll li dahal il-bar biex igib l-ghajnuna, pero' mix-xhieda tieghu jidher li wara 10 minuti ma rnexxielux igib ghajnuna – lanqas dik bazika li jaghmel telefonata lill-Pulizija. Skond l-istess Coleiro meta ma sabx ghajnuna cempel lill-parte civile, li qallu li kien kollox sew, ghaliex qieghed l-isptar.

7. L-imputat Praskov xehed li meta l-membri tas-sigurta' tal-bar fizikament tefghuhom il-barra mill-bar, hu u l-imputat l-iehor habtu ma *group* ta' xi 10 min-nies li kienu barra l-bar, u dawn in-nies irreagixxew u bdew jimbuttawhom u jaghtuhom. Huma

pruvaw jaharbu u telqu jigru, pero' tnejn jew tlieta minn dawn in-nies, komplew jigru warajhom u l-ohrajn iffolowjawhom bil-karozza. Imbaghad meta l-imputati waslu hdejn l-HSBC iccirkondawhom u regghu bdew ituhom. Hu jghid li l-*parte civile* kien qisu l-*leader*, jinkoraggixxi lill-ohrajn, filwaqt li jaghti hu stess. Jghid li l-*parte civile* kien qed itih bis-sieq u b'idejh, principalment fuq rasu. Dan l-imputat jghid hekk *"I was defending myself because I was being attacked by many people and I did not have time to attack. I was defending myself."*[5]

8. L-imputat Yulian sostanzjalment xehed l-istess affarijiet li xehed l-imputat Praskov. Pero' qal li kien hemm bejn 12 u 15 min-nies isawwtuhom. Huwa vera dak li ssottometta l-Ufficcjal Prosekutur, u cioe' li jekk l-imputati kienu qed jigu imsawwta minn 10 jew addirittura anki 15 min-nies, allura l-griehi li soffrew ma kienux ikunu hfief kif qed tallega li kienu l-Prosekuzzjoni. Min-naha l-ohra, ic-certifikati medici tal-imputati qatt ma gew ezebiti mill-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri.

Kif inhuwa ben risaput, fil-kamp kriminali, hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. F'dan l-istat tal-provi prodotti, din il-Qorti ma jistghax ma jibqghalix dubbju ragonevoli li kien il-*parte civile*, wahdu jew ma shabu li aggredixxa lill-imputati l-ewwel, ghal xejn b'xejn, u dawn agixxew in legittima difeza. Il-fatt li kien wiehed mill-imputati, u mhux shab il-*parte civile*, li talab l-ghajnuna tal-Pulizija, ikompli izid dan id-dubbju f'mohh il-Qorti.

**Konkluzjoni**

Ghaldaqstant, il-Qorti issib lill-imputati mhux hatja tar-reati kontemplati fl-artikoli kkwotati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali u qed tilliberahom minnhom.

**Robert Bugeja**

**Magistrat** **Deputat Registratur**

[5] Ara fol. 144 tal-process.